MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI INFERJURI

## MAGISTRAT DR. PAUL COPPINI

Seduta tat-18 ta' Mejju, 2004

Avviz Numru. 30/2003

Maltacom plc .

Vs

Donatello u Maria konjugi Pisani .

Il-Qorti ;

Rat l-avviz li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet lill-konvenuti jghidu ghaliex ma ghandhomx jigu kkundannati jhallsu s-somma ta' elf hames mija u tmienja u sittin lira Maltin u disgha u ghoxrin centezmu (Lm1568.29) rapprezentanti in kwantu s-somma ta' elf mitejn u wiehed u disghin lira Maltin u disgha u tmenin centezmu (Lm1291.89) in konnessjoni mas-servizz tat-telefon bin-numru 2155 9970 (Acc. No. 10219573), liema servizz gie installat fil-fond "Ponde Rosa" Triq Sannat, Sannat, Ghawdex, skond kif jidher mill-kopja tas-*service agreement* hawn anness u mmarkat bhala Dokument 'A' u in kwantu s-somma ta' mitejn u sitta u sebghin lira maltin u

erbghin centezmu (Lm276.40) in konnessjoni mas-servizz tat-telefon bin-numru 2155 9542 (acc. No. 10219342), liema servizz gie installat fil-fond minghajr numru izda maghrufa bhala NB, Triq Sannat, Sannat, Ghawdex, skond kif jidher mill-kopja tas-*service agreement* hawn anness u mmarkat bhala Dokument 'B' .

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-prezenti u ta' l-ittra ufficjali mibghuta lill-konvenut f'Mejju 2003, tal-VAT fuq id-drittijiet professjonali u bl-imghaxijiet kontra l-konvenuti li minn issa huma ngunti ghas-subizzjoni .

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut Donatello Pisani li permezz taghha ammetta t-talba tas-socjeta' attrici, izda talab lil din il-Qorti sabiex tikkunsidra l-opportunita' li huwa jhallas f'pagamenti mensili l-ammont dovut minnu .

Rat ukoll in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuta Marita Pisani, li permezz taghha eccepiet :

1. Illi t-talbiet attrici fil-konfront taghha huma infondati fid-dritt u fil-fatt stante hija qatt ma kellha konnessjoni mas-servizzi tat-telefon indikati fl-istess avviz .

2. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt .

Rat ukoll il-verbal ta' Dr. Giorgina Scicluna Bajada maghmul fl-udjenza tal-lum fejn hija ghan-nom tas-socjeta' attrici accettat it-talba tal-konvenut Donatello Pisani sabiex jinghata l-opportunita' illi jhallas f'rati mensili ta' hamsin lira-il wiehed .

Il-Qorti ghal hekk, u in vista ta' din l-ammissjoni tal-konvenut Donatello Pisani taccetta t-talba attrici fil-konfront tieghu, u in vista wkoll ta' l-accettazzjoni ta' l-istess socjeta' attrici illi taccetta pagamenti mensili, tikkundanna lill-istess konvenut, sabiex ihallas is-somma mitluba f'dak l-avviz, u cioe' is-somma ta' elf hames mija tnejn u sittin lira u disgha u ghoxrin centezmu

(Lm1562.29c), bl-imghaxijiet fuq l-istess somma mid-data ta' din is-sentenza, b'dana li l-konvenut ikollu l-fakulta' li jhallas din is-somma b'rati mensili ta' hamsin lira (Lm50) fix-xahar, illi jibdew b'effett minn l-ewwel ta' Gunju ta' din is-sena .

In vista ta' din l-ammissjoni tal-konvenut Donatello Pisani, tillibera lill-konvenuta Marita Pisani, mill-osservanza tal-gudizzju .
s3003PC

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------